MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 13/2004/1

**Raid Mabruk El Masri**

**Vs**

**L-Onor.Prim Ministru, l-Avukat Generali tar-Repubblika, il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali** ta' Riad Mabruk El Masri Hagi li li permezz tieghu ppremetta:

Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Riad Mabruk El Masri Hagi datata 29 ta' Marzu, 2004 il-Qorti tal-Appell Kriminali kkundannat lill-esponenti ghal ghaxar xhur prigunerija u ordnat ukoll it-tnehhija tieghu minn Malta wara li tigi skontata s-sentenza karcerarja;

Illi l-akkuzi kriminali kif dedotti fil-konfront tal-esponent huma specifici u jirreferu ghad-data tas-27 ta' Marzu, 2002;

Illi l-esponenti ilu hawn Malta ghal numru ta' snin u huwa hawn Malta kellu relazzjoni ma' certu Sarah Jane Mamo, minn liema relazzjoni huwa kellu wild li jismu Mohammed Riad Mabruk li twieled fid-9 ta' Marzu, 2003 (vide certifikat tat-twelid Dok. A1);

Illi jinghad ukoll li l-esponenti, anke waqt li qed jiskonta s-sentenza l-habs, dejjem zamm kuntatt tajjeb u kellu dejjem relazzjoni tajba hafna ma' l-imsemmija Sera Jane Mamo, tant li l-istess illum hija tqila b'tarbija ohra tal-esponenti u ghandha erba' xhur tqala kif jindika c-certifikat hawn anness markat Dok. B2 redatt mit-tabib Dr. Antoine Ellul MD datat 1 ta' April, 2004;

Illi kemm il-darba tigi fis-sehh l-ordni tat-tnehhija kif inflitt mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza msemmija datata 29 ta' Marzu, 2004, l-esponent ser ikun imcahhad milli jgawdi d-drittijiet tieghu fil-kuntest ta' hajja familjari;

Illi wara li l-esponent jiskonta s-sentenza tieghu, huwa ser jinzamm detenut sakemm jitkecca minn Malta;

Illi l-ordni ta' deportazzjoni kontra l-esponent jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt tat-tgawdija tal-hajja familjari ta' l-esponenti protett minn l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll vjolazzjoni tal-Artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Di piu' dan l-ordni ta' deportazzjoni jammonta ghal vjolazzjoni ta' l-Artikoli 43, 44 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikoli 1, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, senjatament l-obbligi pozittivi tal-Istat, protezzjoni minn

diskriminazzjoni kif ukoll id-dritt ghar-rimedju domestiku effettiv;

Illi l-fatt li l-esponent kellu tarbija u qed jistenna tarbija ohra jikkostitwixxu familja u ghalhekk certament li l-esponent ghandu dritt li huwa jgawdi lil familtu ndipendentement mill-fatt li huwa m'huwiex persuna li hija residenti hawn Malta;

Illi l-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem diga' esprimiet ruhha dwar is-suespost. Fil-kaz Berrehab vs The Netherlands (application no: 00010730/84) (deciza 21/6/1988) f'para. 21 tas-sentenza l-Qorti qalet hekk:-

*"it follows from the concept of family on which Article 8 is based that a child born out of such a union is ipso jure part of that relationship; hence from the moment of the child's birth and by the very fact of it, there exists between him and his parents a bond amounting to family life, even the parents are then not living together."*

L-obbligi pozittivi u negattivi ta' l-istat jinkludu d-dover illi l-istat ghandu:-

*"To ensure that family life between parents and children can continue after divorce, and to refrain from measures which cause family ties to rapture" (Ciliz vs The Netherlands application no. 00029192/95 deciza 11/7/2000).*

Ghaldaqstant in vista tal-premess u a tenur tar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli qorti joghgobha taghtih dawk ir-rimedji li jidrilha xieraq biex tizgura t-twettiq favur tieghu tad-drittijiet fundamentali kontemplati fl-artikoli 1, 3, 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll dawk id-drittijiet fundamentali kontemplati fl-Artikoli 32, 43, 44 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi fost affarijiet ohrajn:

Tidiikjara illi d-decizjoni mehudha mill-intimati u l-awtoritajiet tal-pajjiz jilledu d-drittijiet ta' l-esponenti u konsegwentement l-ordni tat-tnehhija moghtija mill-Qorti

tal-Appell Kriminali fid-29 ta’ Marzu, 2004 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Riad Mabruk El Masri Hagi hija nulla u bla effett u tikkumpensa lil esponenti ai termini tal-Artikoli relevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.

Rat ir-risposta ta’ l-Onor. Prim’ Ministru, l-Avukat Genrali tar-Repubblika, il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, il-Kummissarju tal-Pulizija, u l-Ufficju Principali ta’ l-Immigrazzjoni a fol. 10 tal-process fejn jesponu:

**Min hu l-legittimu kontradittur**

Illi l-Onorevoli Prim’ Ministru, il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija ma humiex il-legittimi kontradittur fil-kaz odjern, u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, dana a rigward l-Onorevoli Prim’ Ministru, il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, u l-Kummissarju tal-Pulizija abbazi ta’ l-artikolu 181B(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid “The judicial representation of the Government in judicial acts and actions shall vest in the head of the government department in whose charge the matter in dispute falls”, filwaqt li a rigward l-Avukat Generali japplika l-artikolu 181B(2) “The Attorney General shall represent Government in all judicial acts and actions which owing to the nature of the claim may not be directed against one or more heads of other government departments.”

**L-inapplikabilita’ ta’ l-artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Illi l-artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta huwa biss introduzzjoni ghall-lista tad-Drittijiet Umani, kif inhu l-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea, li ma jistghax jigi nvokat.

Infatti l-artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni stess fl-artikolu 48(1) teskludih u ssemmi biss l-artikoli 33 sa 45;

Art. 46(1): “Subject to the provisions of sub-articles (6) and (7) of this article, any person who alleges that any of the provisions of articles 33 to 45 (inclusive) of this Costitution has been, is being or is likely to be contravened in relation to him, or such other person as the Civil Court, First Hall, in Malta may appoint at the instance of any person who so alleges, may, without prejudice to any other action with respect to the same matter that is lawfully available, apply to the Civil Court, First Hall, for redress”.

**L-inapplikabbilita’ ta’ l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Illi primarjament trid tingieb il-prova tal-paternita’ tar-rikorrent u l-affinita (bondage) bejn ir-rikorrent u l-familja tieghu f’Malta sabiex wiehed jibda biex jiddiskuti xi dritt ir-rikorrent jista’ ghandu ghat-tgawdija tal-hajja familjari.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrent jippretendi illi huwa ghandu xi dritt li joqghod f’Malta ghax huwa l-missier ta’ tifel jew tfal minn mara Maltija, din il-pretensjoni hija nfondata billi r-rikorrent ma ghandu ebda dritt illi jgawdi l-hajja familjari ma’ uliedu bilfors f’Malta u t-tgawdija ta’ dan id-dritt tista’ ssir kemm fil-pajjiz ta’ origini tar-rikorrent kif ukoll tramite kuntatti u access tar-rikorrent ma’ uliedu kif jista’ jigi miftiehem bejnu u omm il-minuri.

**L-inapplikabbilita’ ta’ l-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta**

Illi l-kaz prezenti huwa wiehed relatat ma’ l-eventwali deportazzjoni tar-rikorrent wara li huwa jiskonta s-sentenza karcerarja, ghaldaqstant ma hijiex kwistjoni ta’ estradizzjoni kif inhi regolata taht l-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Kap. tal-Ligijiet ta’ Malta.

**L-inapplikabbilita' ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Illi l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar id-dritt ta' cittadin Malti ghall-liberta' ta' moviment. Illi r-rikorrent ma huwiex cittadin Malti u lanqas jikkwalifika taht wiehed mill-kriterji elenkati taht is-sub artikolu 4(d) ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ghaldaqstant ghal darb'ohra l-inapplikabbilita' ta' dan l-artikolu.

**L-inapplikabbilita' ta' l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Illi primarjament, ir-rikorrent naqas li jidentifika l-bazi ta' l-allegat diskriminazzjoni minnu subit.

Sekondarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa inapplikabbli ghal kaz odjern ghaliex filwaqt li l-artikolu 45 jitkellem dwar 'diskriminazzjoni' li tohrog minn ligi u li sforz ta' tali diskriminazzjoni jigu lezi d-drittijiet fundamentali ta' persuna, fil-kaz prezenti r-rikorrent mhux qed jikkontesta xi ligi partikolari izda qed jigi kontestat l-ezegwibilita' mill-awtoritajiet Maltin tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Dok. CSD1), li hija ghaldaqstant sitwazzjoni totalment differenti minn dak li qed jigi protett taht l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

**L-inapplikabbilita' ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Illi primarjament, ghal darb'ohra, ir-rikorrent naqas li jidentifika l-bazi ta' l-allegat diskriminazzjoni minnu subbit.

Illi sekondarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax ghal kaz odjern, dana stante illi r-rikorrent ser jigi deportat minn Malta mhux abbazi ta' wiehed mill-kriterji elenkati fl-istess artikolu u cioe "sess, razza, kulur, lingwa, religjon, politika, etc.", izda minhabba illi huwa kkommetta reat kriminali u

ma ghandux permess ta' residenza biex jibqa' gewwa Malta skond il-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-inapplikabbilita' ta' l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Illi r-rikorrent ma sofra ebda ksur ta' dritt fondamentali stante illi hu ma ghandu ebda dritt fil-ligi illi jibqa' hawn Malta, dana il-ghaliex ma huwiex cittadin Malti. Kemm il-darba ma hemm ebda ksur isegwi illi ma hemm ebda rimedju effettiv x'jigi attribwit lilu.

Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat id-digriet a fol 9;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**Fatti**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali r-rikorrent gie kkundannat ghal 10 xhur prigunerija u ordnat li jitnehha minn Malta wara li tigi skontata dina s-sentenza karcerarja. Waqt li r-rikorrent kien hawn Malta hu kellu relazzjoni ma' certa Sera Jane Mamo u minnha kellu wild li twieled fit 2003 u bhal issa l-istess Mamo hija tqila b'tarbija ohra li r-rikorrent isostni li hija tieghu.

**Talbiet**

Ir-rikorrent qed jipproponi dana rikors principalment a bazi ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi skond hu l-ordni ta' deportazzjoni kontra tieghu, jekk tigi esegwita, tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt tat-tgawdija tal-hajja familjari kif ukoll a bazi ta' l-artikoli 43, 44 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 1,13 u 14 tal-Konvenzjoni, senjatament l-obbligi pozitivi ta' l-istat, il-protezzjoni minn diskriminiazzjoni u d-dritt ghar-rimedju domestiku effettiv.

## Risposta

L-intimati rrispondew li Onor. Prim Ministru, l-Avukat Generali tar-Repubblika, il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, u l-Kummissarju tal-Pulizija m'humiex il-legittimi kontradditturi fil-kaz odjern a bazi ta' l-artikoli 181 B (1) (2) Kap 12 .

L-artikolu 32(C) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal Konvenzjoni ma japplikawx ghax huma biss introduzzjoni tal-lista ta' Drittijiet Umani u huma eskluzi mill-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni.

Dwar l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja l-intimati jirritjenu li trid l-ewwel tingieb prova tal-paternita' tar-rikorrent u l-affinita' bejn ir-rikorrent u l-familja tieghu f'Malta. Inoltre r-rikorrent ma jgawdi ebda dritt li bil-fors ghandu jgawdi l-familja tieghu f'Malta u mhux fil-pajjiz tal-origini tieghu.

L-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli billi din ma hiex kwistjoni ta' estradizzjoni imma ta' deportazzjoni wara li r-rikorrent jiskonta l-piena karcerarja.

L-artikolu 44 mhux applikabbli billi r-rikorrent mhux cittadin Malti u lanqas jikkwalifika taht ebda wiehed mill-kriterji elenkati taht is-sub artikolu 4(d) ta' l-artikolu 44.

L-artikolu 45 ma japplikax billi r-rikorrent ma identifikax l-bazi ta' l-allegata diskriminazzjoni. Inoltre r-rikorrent mhux qed jikkontesta xi ligi partikolari izda l-ezegwibilita' tas-sentenza moghtija minn Qorti kompetenti.

Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni ghall-istess ragunijiet fuq imsemmija.

Fl-ahharnett l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli billi r-rikorrent ma sofra ebda ksur tad-dritt fondamentali tieghu.

## KONSIDERAZZJONIJIET

**Legittimi kontradditturi**

L-intimati qed jissottomettu li Onor. Prim Ministru, l-Avukat Generali tar-Republika, il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, u il-Kummissarju tal-Pulizija m'humiex il-legittimi kontradditturi fil-kaz odjern a bazi ta' l-artikoli 181 B (1) (2) Kap 12.

L-artikolu 181B (1) jipprovvdi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni.

Fil-kaz in ezami r-rikorrent qed jitlob li dikjarazzjoni li d-decizjoni mehuda mill-intimati u l-awtoritatjiet tal-pajjiz li huwa jigi deportat jilledu d-drittijiet fondamentali tieghu u li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali hija nulla u bla effett.

Imbaghad l-artikolu 181B (2) jipprovvdi li l-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

Fil-kaz in ezami hu l-Ufficjal Principali ta' Immigrazzjoni in koordinazzjoni mal-Kummissarju tal-Pulizija li hu nkarigat mill-materja in kwistjoni u li jridu jaraw li tigi esegwita l-ordni tad-deportazzjoni. Kwantu ghall xi eventwali dikjarazzjoni ta' nullita' tas-sentenza, l-Avukat Generali hu l-legittimu kontradittur. L-intimati l-ohra izda m'humiex il-legittimi kontradditturi billi m'humiex involuti la fil-ksur ta' xi dritt fondamentali fil-konfront tar-rikorrent u lanqas ghal xi rimedju li jista' jinghata.

**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni.**

It-talba principali tar-rikorrent hija bbazata fuq l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Art 8 tal-Kap 319) u l-artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jipprovvdi hekk:

*Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence.*

*There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health and morals, or the protection of the rights and freedoms of others.*

Skond l-awturi fuq  dina l-materja (ara Van Dijk u Van Hoof - Theory and Practice of the European Convention on Human Rights u  Harris, M O'Boyle u Warbrick  - Law of the European Convention on Human Rights )

*As a matter of well-established international law and subject to its treaty obligations, a state has the right to control the entry, residence and expulsion of non-nationals from its territory*. (Moustaquim vs Belgium (1991).

*However, measures taken in the field of immigration may effect the right to respect of family life under article 8., for example, if a person is excluded from a country where members of his family are living*. (Abdulaziz, Cabales and Balkandali vs U.K. (1985).

*Two questions must be answered when deciding whether an exercise of immigration control violates Article 8. First, whether there exists family life, worthy of protection with the meaning of article 8. Secondly, if so, whether that interference is justified.*

*The existence of family life*

*The existence or non-existence of "family life" is essentially a question of fact depending upon the real existence in practice of closed personal ties.* K and T v Finland 12/7/2001.

*The "existence of a family" is a precondition for the application of Article 8.* Abdulaziz, Cabales and Balkandali v U.K. 1985.

*The Court takes account of the reality, rather than the legality of the situation…The notion of family under this provision is not confined to marriage-based relationships and may encompass other de facto "family" ties where the parties are living together out of wedlock. A child born out of such a relationship is ipso iure part of that "family" unit from the moment and by the very fact of his birth. Thus there exists between the child and his parents a bond amounting to family.* ( Elsholz vs Germany 13/7/2000).

Fil-kaz in ezami Sera Jane Mamo hija mizzewga lill Ali Karakhi u mhux lir-rikorrent (ara dok a fol 5) u matul dan iz-zwieg hija kellha relazzjoni u tarbija minghand ir-rikorrent u issa qed tistenna tarbija ohra (ara Dok a fol 4 li pero' mhux certifikat ta' paternita' tar-rikorrent). Ir-rikorrent jghid li dawn iz-zewg trabi huma tieghu u li jekk tigi esegwita l-ordni ta' tnehhija kontrih jinkiser d-dritt fondamentali tieghu ghal familja.

Ir-rikorrent jirritjeni li hemm hajja familjari konsistenti fir-relazzjoni ma Sera Jane u l-wild tieghu. Fil-fehma tal-Qorti anke jekk hija kellha tikkonkludi li hemm dina l-hajja familjari li qed jallega r-rikorrent, t-talba tieghu fic-cirkostanzi l-istess tfalli taht it-tieni paragragu tal-artikolu 8 ghar-ragunijiet segwenti.

*Justification*

*Once an interference has been found, it must be justified under the second paragraph of Article 8.*

Bhala principju hu accettat li :

*The existence of family life is to be assessed at the time when the decision is made, so that no account will be taken of the establishment of family life between the making of a deportation and its intended execution (Bouchelkia vs France 1997). In Boujlifa vs France*

*21/10/1997 the applicant had been informed that deportation proceedings had been commenced against him so he was not entitled to claim at that time to be involved in a relationship with Miss. V.*

Fil-kaz in ezami r-rikorrent kien  gie imkecci minn Malta precedentement fit-2001 meta hu kien dahal Malta minghajr permess.  Dak iz-zmien li hu gie deportat ma jirrizultax li hu kellu relazzjoni ma Mamo u zgur li ma kellhomx tfal. Imbaghad kien rega dahal Malta illegalment it-tieni darba b'passaport falz u mir-relazzjoni ma Mamo kellu l-ewwel tarbija. Ghalhekk meta hu qabad din ir-relazzjoni ma Sera Jane Mamo u kellu tarbija wara li rega dahal it-tieni darba Malta hu  kien jaf li kien f'sitwazzjoni prekarja billi kien kien hemm ordni ta' deporatzzjoni kontra tieghu u li hu ma setghax joqghod Malta.

*"Where "public safety" and "the prevention of crime" are invoked to justify the deportation of an immigrant with criminal convictions, the seriousness of the crime will be balanced against the personal circumstances of the individual and his or her real links with the country of nationality, or the country where he or she grew up or lived for a substantial part of his or her life.* (Beldjoudi vs France 1992).

Ir-rikorrent diga gie kkundannat ghal ghaxar (10) xhur habs fuq falsifikazzjoni ta' passaport; ghandu kundanni ohra fuq serq u ricettazzjoni u dhul illegali f'Malta.

Mill-provi prodotti jirrizulta inoltre li r-rikorrent mhux cittadin Malti m'ghandux *residence permit* u qieghed Malta minghajr viza, u kien qed jahdem minghajr permess. Ir-rikorrent  ghandu l-familja tieghu gewwa l-Libya u l-konnessjonijiet tieghu huma ma dak il-pajjiz.

*Article 8 does not impose a general obligation to respect the choice of residence of a married couple or to accept the non-national spouse choice for settlement in that country.*  PP and others v U.K. (1996)  21.E.H.R.R. *The Commission considers that this also applies to situations where members of a family, other than spouses, are non-*

*nationals. Whether removal or exclusion of a family member from a Contracting state is incompatible with article 8 will depend on a number of factors such as:*

*the extent to which family life is effectively ruptured,*
*whether there are insurmountable obstacles in the way of the family living in the country of origin of one or more of them,*
*whether there are factors of immigration control (e.g.history of breaches of immigration law) or considerations of public order (e.g. serious or persistent offences) weighing in favour of exclusion.*

Fil-kaz in ezami r-rikorrent mhux cittadin Malti u lanqas ghandu *residence permit* biex jghid Malta. Hu ghandu l-familja tieghu l-Libya u jghix hemmhekk u m'ghandu ebda permess jghix Malta. Irrizulta mill-provi wkoll li anke l-ewwel tarbija li kellu minn Sera Jane Mamo m'ghadhiex m'ommha izda r-rikorrent baghtha l-Libya (kif inhi l-usanza hemmhekk) biex toqghod mal-familja tieghu. Mhux verosimili li Mamo m'ghandihex mezzi finanzjarji biex izzomm it-tarbija taghha.

Ghalhekk il-persuna li r-rikorrent qed jippretendi li jrid izommu kuntatt maghha u li jrid jipprotegi hawn Malta, fil-fatt mhux qeda Malta izda l-Libya u dana mhux ma ommha izda mal-familja tieghu. Ghalhekk ma hemmx xejn x'izomm lir-rikorrent milli jgawdi l-familja tieghu fil-pajjiz ta' origini tieghu. Ir-rikorrent jista' facilment jezercita dan id-dritt ghal-familja gewwa l-Libya (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' l-Appell fil-kaz Schillaci).

Ghar-rikorrent hemm ukoll *factors of immigration control* (e.g. *history of breaches of immigration law* li jimmilitaw kontra t-talba tieghu.

Issemma fit-trattazzjoni l-kaz ta' Berrehab izda dana l-kaz juri ezattament ir-ragunijiet ghaliex it-talba tar-rikorrent m'ghandiex tigi milqugha. F'dik is-sentenza inghad:

*As to the aim pursued, it must be emphasized that the instant case did not concern an alien seeking admission*

*to the Netherlands for the first time but a person who had already lawfully lived there for several years, who had a home and a job there, and against whom the Government did not claim to have any complaint. Furthermore, Mr. Berrehab already had real family ties* there - he had married a Dutch woman, and a child had been born of the marriage. Berrehab vs the Netherlands 21/6/1988

Fil-fatt ir-rikorrent mhux persuna li ghandha dritt tghix jew li ilha zmien twil tghix Malta; hi m'ghandiex job u lanqas permess biex tahdem; ghandha fedina penali u kisret il-ligi Maltija diversi drabi u l-*family ties* huma aktar mal-Libya milli ma Malta. Inoltre hu mhux mizzewweg lill Mamo.

L-azzjoni tar-rikorrent taht l-artikolu 8 ghalhekk ma tistax tigi milqugha. Konsegwentement lanqas ma japplika l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni dwar "*effective remedy*" billi ma nkiser ebda dritt fondamentali tieghu.

Ir-rikorrent ghamel riferenza ghal diversi artikolu ohra senjatament l-artikolu 32(C) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Konvenzjoni. Dawn ma japplikawx ghax huma biss dikjarazzjoni ta' principju u introduzzjoni tal-lista ta' Drittijiet Umani.

L-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli billi din ma hiex kwistjoni ta' estradizzjoni imma ta' deportazzjoni wara li r-rikorrent jiskonta l-piena karcerarja.

L-artikolu 44 mhux applikabbli billi r-rikorrent mhux cittadin Malti, m'ghandux *residence permit* u ma jikkwalifika taht ebda wiehed mill-kriterji elenkati taht is-sub artikolu 4(d) ta' l-artikolu 44.

Dwar l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 ta' Konvenzjoni dwar protezzjoni minn diskriminazzjoni, r-rikorrent ma semmiex kif u b'liema mod saret l-allegata diskriminazzjoni. Inoltre r-rikorrent mhux qed jikkontesta xi ligi partikolari izda l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn Qorti kompetenti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talbiet tar-rikorrent
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------